



Brussell, 12 ta' Mejju 2023
(OR. en)

8929/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0052(COD)**

**TRANS 171
JAI 535
DAPIX 4
ENFOPOL 211
CODEC 765**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.	7444/1/23 REV 1
Nru dok. Cion:	6792/23
Suġġett:	Thejġija tal-laqqgħa tal-Kunsill (<u>Trasport</u>, Telekomunikazzjoni u Enerġija) tal-1 ta' Ġunju 2023 Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2015/413 li tiffaċilita l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq – Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta msemmija hawn fuq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-1 ta' Marzu 2023 bħala parti mill-Pakkett dwar il-Sikurezza fit-Toroq.

Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha għal a) żieda fil-konformità tas-sewwieqa mhux residenti ma' regoli addizzjonali tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq, b) simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' assistenza reċiproka bejn l-Istati Membri fl-investigazzjoni transfruntiera ta' reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq u c) tisħiħ tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tat-trasgressuri mhux residenti. Il-proposta timmodifika d-Direttiva dwar il-faċilitazzjoni tal-iskambju transfruntier ta' informazzjoni dwar reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq (Direttiva (UE) 2015/413 – "Direttiva CBE").

II. ĦIDMA F'ISTITUZZJONIJIET OĦRA

Il-Parlament Ewropew ħatar il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) bħala l-kumitat responsabbli minn din il-proposta u lis-Sur Kosma ZLOTOWSKI (ECR, PL) bħala r-rapporteur.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta fil-578 sessjoni plenarja, fis-27 ta' April 2023.

III. ĦIDMA FIL-KUNSILL U FIL-KORPI PREPARATORJI TIEGĦU

Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art beda l-ħidma tiegħu fit-2 ta' Marzu 2023 bi preżentazzjoni ġenerali tal-proposta. Fit-8 ta' Marzu 2023 ġiet analizzata l-valutazzjoni tal-impatt. Fil-15 ta' Marzu, il-5 ta' April, id-19 ta' April u t-3 ta' Mejju 2023, il-Grupp ta' Ħidma kompli bl-eżami dettaljat tal-proposta.

IV. ĦIDMA GĦAL KOMPROMESS

Il-Presidenza ppreżentat l-ewwel dokument informali (WK 4408/23) biex tiggwida d-diskussjoni dwar il-proposta fil-Grupp ta' Ħidma fil-5 ta' April 2023. Fl-14 ta' April, il-Presidenza abbozzat l-ewwel proposta ta' kompromess (ST 7444/23) u eżaminatha fil-Grupp ta' Ħidma fid-19 ta' April. Abbażi tar-rispons dwar l-ewwel kompromess, il-Presidenza ħejjiet it-tieni test ta' kompromess (ST 7444/1/23 REV 1) li ġie diskuss fit-3 ta' Mejju.

V. KONKLUŻJONIJIET

Abbażi tal-ħidma mwettqa s'issa, il-Presidenza waslet għall-konklużjonijiet li ġejjin:

1. Il-maġġoranza tal-Istati Membri jqisu li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jista' jiġi estiż b'reati oħra tat-traffiku. Madankollu, ser ikun hemm bżonn ta' aktar ħidma biex tiġi delimitata l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni, b'mod partikolari biex jiġu inklużi ż-żoni b'aċċess regolat għall-vetturi. Ser ikun importanti wkoll li jiġi żgurat l-aċċess għad-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi mill-awtoritajiet kompetenti sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-data u b'mod partikolari biex jiġu pprovduti garanziji addizzjonali f'dawk il-każijiet fejn kumpaniji privati jistgħu jkunu involuti fl-użu u l-ipproċessar tad-data personali miksuba mill-awtoritajiet kompetenti. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jsibuha bi tqila li jinkludu reati oħra tat-traffiku li mhumiex relatati mas-sikurezza fit-toroq jew ma' żoni b'aċċess regolat għall-vetturi.

2. It-temi li ġejjin jistħoqqilhom attenzjoni speċjali:

- Fir-rigward tal-proċedura ta' assistenza reċiproka għall-identifikazzjoni tal-persuna responsabbli, għandu jiġi nnotat li din hija ta' importanza partikolari għall-Istati Membri li għandhom sistema oġġettiva ta' responsabbiltà, li timplika li huma jistgħu jżommu lis-sewwieqa responsabbli biss għar-reat tat-traffiku mwettaq b'vettura rreġistrata fl-Unjoni. Jeħtieġ li jiġi investigat aktar kif jista' jittrażżan l-ammont ta' xogħol amministrattiv, peress li xi Stati Membri esprimew riżervi dwar l-ammont ta' xogħol potenzjali relatat mal-assistenza lil Stati Membri oħra fl-identifikazzjoni tas-sewwieqa.
- Fir-rigward tal-informazzjoni li jeħtieġ li tiġi pprovduta lis-sewwieqa li ġew iċċekkjati fuq il-post f'kontroll tat-triq, ser ikun importanti li ssir distinzjoni bejn il-kontenut tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta u l-mod kif l-informazzjoni tiġi trażmessa skont is-sitwazzjoni speċifika. L-informazzjoni tkun teħtieġ li tiġi differenzjata skont is-sistema ta' responsabbiltà, jekk ir-reat jinkixix awtomatikament jew le u jekk il-ħlas jistax isir fuq il-post jew le.
- Ladarba l-informazzjoni dwar ir-reat tkun ġiet trażmessa lill-persuna preżunta responsabbli, dik il-persuna jista' jkollha bżonn tikkuntattja lill-awtorità kompetenti u dan jista' jimplika skambju ta' dokumenti ta' segwitu. Fil-proposta tal-Kummissjoni dan għandu jsir fil-lingwa tad-dokument ta' reġistrazzjoni tal-persuna preżunta responsabbli, jew kwalunkwe lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni magħżula mill-persuna preżunta responsabbli. Filwaqt li l-Istati Membri jirrikonoxxu li jista' jkun ta' għajjnuna li wieħed jikkomunika fil-lingwa magħżula mill-persuna preżunta responsabbli li tiggarantixxi livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, l-Istati Membri għadhom jiddubitaw l-ammont ta' xogħol amministrattiv u l-ispejjeż li dan jista' jinvolvi.

3. Ser tkun meħtieġa ħidma teknika u kunċettwali addizzjonali fuq il-kompromess tal-Preidenza sabiex tiġi żviluppata pożizzjoni li tista' tiġi appoġġata mill-Istati Membri.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u l-Kunsill mistiedna jieħdu nota ta' dan ir-rapport ta' progress dwar il-ħidma rigward ir-reviżjoni proposta għad-Direttiva CBE.